SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

10 ta’ Diċembru 2020*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikolu 23 – Limitazzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-data – Interess finanzjarju importanti – Infurzar ta’ pretensjonijiet skont id-dritt ċivili – Leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħmel riferiment għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni – Data fiskali li tikkonċerna persuna ġuridika – Nuqqas ta’ ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja”

Fil-Kawża C-620/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), permezz ta’ deċiżjoni tal-4 ta’ Lulju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta’ Awwissu 2019, fil-proċedura

**Land Nordrhein-Westfalen,**

vs

**D.-H. T.**, li qiegħed jaġixxi bħala l-likwidatur tal-assi ta’ J & S Service UG,

fil-preżenza ta’:

**Vertreter des Bundesinteresses beim Bundesverwaltungsgericht,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot, President tal-Awla, L. Bay Larsen, C. Toader (Relatur), M. Safjan u N. Jääskinen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal-Land Nordrhein-Westfalen, minn M. Kottmann u C. Mensching, Rechtsanwälte,

– għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller u D. Klebs, bħala aġenti,

– għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, O. Serdula u J. Vláčil, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn H. Kranenborg, D. Nardi u K. Kaiser, sussegwentement minn H. Kranenborg, D. Nardi u F. Erlbacher, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2020,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1)(e) u (j) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem ir-"RĠPD").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Land Nordrhein-Westfalen u D.-H. T., li qiegħed jaġixxi bħala l-likwidatur tal-assi ta' J & S Service UG, dwar talba għall-kisba ta' data fiskali li tikkonċerna lil din il-kumpannija.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 Il-premessi 2, 4, 14 u 73 tar-RĠPD jistipulaw:

"(2) Il-prinċipji ta', u r-regoli dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, irrispettivament min-nazzjonalità jew ir-residenza tagħhom, għandhom jirrispettaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom, b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-*data* personali. […]

[…]

(4) L-ipproċessar tad-*data* personali għandu jitfassal biex iservi lill-bniedem. Id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mhuwiex dritt assolut; huwa għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha u josserva l-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta [tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea] kif integrata fit-Trattati, b'mod partikolari r-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dar u l-komunikazzjonijiet, il-protezzjoni tad-data personali, il-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, il-libertà tal-intrapriża, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali u d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

[…]

(14) […] Dan ir-Regolament ma jkoprix l-ipproċessar tad-*data* personali li tikkonċerna l-persuni ġuridiċi u b'mod partikolari l-impriżi stabbiliti bħala persuni ġuridiċi, inklużi l-isem u l-forma tal-persuna ġuridika u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna ġuridika.

[…]

(73) Ir-restrizzjonijiet dwar prinċipji speċifiċi u d-drittijiet ta' informazzjoni, aċċess għal u rettifika jew tħassir ta' *data* personali, id-dritt għall-portabbiltà tad-*data*, id-dritt għall-oġġezzjoni, id-deċiżjonijiet ibbażati fuq it-tfassil ta' profili, kif ukoll il-komunikazzjoni ta' ksur ta' *data* personali lil suġġett tad-*data* u ċerti obbligi relatati tal-kontrolluri jistgħu jiġu imposti mil-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, sa fejn ikun meħtieġ u proporzjonat f'soċjetà demokratika biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà pubblika, inkluża l-protezzjoni tal-ħajja tal-bniedem speċjalment b'reazzjoni għal diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, il-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, inkluż is-salvagwardja kontra u l-prevenzjoni tat-theddidiet għas-sigurtà pubblika, jew ksur ta' etika għal professjonijiet regolati, objettivi importanti oħrajn ta' interessi pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, b'mod partikolari interess ekonomiku jew finanzjarju importanti tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, iż-żamma ta' reġistri pubbliċi miżmuma għal raġunijiet ta' interess pubbliku ġenerali, ipproċessar ulterjuri tad-*data* personali arkivjata sabiex jipprovdi informazzjoni speċifika relatata mal-imġiba politika taħt reġimi preċedenti fi stati totalitarji jew il-protezzjoni tas-suġġett tad-*data* jew id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħrajn, inklużi l-protezzjoni soċjali, is-saħħa pubblika u finijiet umanitarji. Dawk ir-restrizzjonijiet għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Karta [tad-Drittijiet Fundamentali] u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali."

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Suġġett u objettivi", jipprevedi:

"1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli relatati mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali u regoli relatati mal-moviment liberu tad-*data* personali.

2. Dan ir-Regolament jipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni ta' *data* personali.

3. Il-moviment liberu tad-*data* personali fl-Unjoni għandu jkun la ristrett u lanqas ipprojbit għal raġunijiet marbutin mal-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali."

5 Fil-punt 1 tiegħu, l-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi li l-kunċett ta' "*data* personali" għandu jinftiehem bħala li jirrigwarda "kwalunkwe informazzjoni relatata ma' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli ('suġġett tad-data'); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista' tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b'mod partikolari b'referenza għal mezz ta' identifikazzjoni bħal isem, numru ta' identifikazzjoni, *data* ta' lokalizzazzjoni, identifikatur *online* jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta' dik il-persuna fiżika".

6 Skont l-Artikolu 15(1) tal-istess regolament, intitolat "Dritt ta' aċċess mis-suġġett tad-*data*", dan għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur konferma dwar jekk id-data personali li tikkonċerna lilu hijiex qiegħda tiġi pproċessata jew le, u, fejn dan ikun il-każ, l-aċċess għall-imsemmija data personali u l-informazzjoni elenkati f'dan l-artikolu.

7 Fil-paragrafu 1 tiegħu, l-Artikolu 23 tar-RĠPD, intitolat "Restrizzjonijiet", jipprovdi:

"Il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru li għaliha jkun soġġett il-kontrollur jew il-proċessur tad-*data* tista' tirrestrinġi permezz ta' miżura leġiżlattiva l-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi u d-drittijiet previsti fl-Artikoli 12 sa 22 u l-Artikolu 34, kif ukoll l-Artikolu 5 sakemm id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu mad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 12 sa 22, meta tali restrizzjoni tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u hija miżura meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika għas-salvagwardja ta':

[…]

(e) objettivi importanti oħrajn ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, b'mod partikolari interess ekonomiku jew finanzjarju importanti tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, inkluż, kwistjonijiet monetarji, baġitarji u fiskali, is-saħħa pubblika u s-sigurtà soċjali;

[…]

(j) l-infurzar ta' pretensjonijiet skont id-dritt ċivili."

***Id-dritt Ġermaniż***

*Il-Kodiċi tat-Taxxi*

8 L-Abgabenordnung (il-Kodiċi tat-Taxxi, BGB1. I 2002, p. 3866), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tat-Taxxi"), fl-Artikolu 2a tiegħu, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' data personali" jipprovdi:

"[…]

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kodiċi u tal-liġijiet fiskali li għandhom x'jaqsmu mal-ipproċessar tad-data personali ma humiex applikabbli meta d-dritt tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari r-[RĠPD] japplika direttament jew *mutatis mutandis* skont il-paragrafu (5) [ta' dan l-artikolu].

[…]

5. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, id-dispożizzjonijiet tar-[RĠPD], ta' dan il-kodiċi u tal-liġijiet fiskali dwar l-ipproċessar tad-data personali tal-persuni fiżiċi japplikaw *mutatis mutandis* għall-informazzjoni relatata ma'

1) persuni fiżiċi mejta jew

2) persuni ġuridiċi, assoċjazzjonijiet ta' persuni u fondi tal-korporazzjonijiet b'personalità ġuridika jew mingħajrha,

identifikati jew identifikabbli."

9 L-Artikolu 32b tal-Kodiċi tat-Taxxi, intitolat "Obbligu tal-awtorità finanzjarja sabiex tipprovdi informazzjoni meta d-data personali ma tkunx inkisbet mingħand is-suġġett tad-data", jipprovdi:

"1. L-obbligu min-naħa tal-awtorità finanzjarja li tinforma lis-suġġett tad-data konformement mal-Artikolu 14(1), (2) u (4) tar-[RĠPD], minbarra l-eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 14(5) [tar-RĠPD] u l-Artikolu 31c(2) [ta' dan il-kodiċi], ma jeżistix

1) meta l-għoti tal-informazzjoni
   a) ikun ta' ħsara għall-eżekuzzjoni xierqa tal-kompiti li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet finanzjarji jew ta' korpi pubbliċi oħra fis-sens tal-Artikolu 23(1)(d) sa (h) tar-[RĠPD], jew

   […]

u għalhekk l-interess tas-suġġett tad-data fir-rigward tal-kisba tal-informazzjoni għandu jkun ta' importanza sekondarja. L-Artikolu 32a(2) [ta' dan il-kodiċi] għandu japplika *mutatis mutandis*.

[…]"

10 Skont l-Artikolu 32c tal-imsemmi kodiċi, intitolat "Dritt ta' aċċess mis-suġġett tad-data":

"1. Id-dritt ta' aċċess mis-suġġett tad-data fir-rigward ta' awtorità finanzjarja skont l-Artikolu 15 tar-[RĠPD] ma jeżistix meta,

1) is-suġġett tad-data ma għandux jiġi informat skont l-Artikolu 32b(1) jew (2) [ta' dan il-kodiċi],

2) l-għoti ta' informazzjoni jkollu effett negattiv fuq l-awtorità finanzjarja fl-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' pretensjonijiet skont id-dritt ċivili jew fid-difiża ta' pretensjonijiet skont id-dritt ċivili stabbiliti kontriha fis-sens tal-Artikolu 23(1)(j) tar-[RĠPD]; l-obbligi tal-għoti ta' informazzjoni min-naħa tal-awtorità finanzjarja taħt id-dritt ċivili jibqgħu l-istess,

[…]"

11 L-Artikolu 32e tal-istess kodiċi, intitolat "Relazzjoni ma' drittijiet oħra għall-aċċess u l-għoti ta' informazzjoni", jistabbilixxi:

"Jekk is-suġġett tad-data jew terz għandu dritt ta' aċċess għall-informazzjoni fir-rigward tal-awtorità finanzjarja skont il-[Gesetz zur Regelung des Zugangs zu Informationen des Bundes (il-Liġi dwar l-Aċċess għall-Informazzoni tal-Istat Federali)] tal-5 ta' Settembru 2005 (BGB1. 2005 I, p. 2722), fil-verżjoni tagħha applikabbli, jew skont il-leġiżlazzjoni korrispondenti tal-Länder, l-Artikoli 12 sa 15 tar-[RĠPD] għandhom japplikaw *mutatis mutandis* flimkien mal-Artikoli 32a sa 32d [ta' dan il-kodiċi]. F'dan ir-rigward huma esklużi drittijiet iktar estensivi għal informazzjoni relatata mad-data fiskali. Il-punt 2 tal-Artikolu 30(4) [ta' dan il-kodiċi] ma huwiex applikabbli f'dan ir-rigward."

*Il-Liġi dwar l-Insolvenza*

12 Skont l-Artikolu 129(1) tal-Insolvenzordnung (il-Liġi dwar l-Insolvenza), tal-5 ta' Ottubru 1994 (BGB1. 1994 I, p. 2866), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali:

"L-'Insolvenzverwalter' [il-likwidatur tal-assi] jista' jikkontesta, taħt il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 130 sa 146, l-atti legali li twettqu qabel il-ftuħ tal-proċedura ta' insolvenza u li huma ta' detriment għall-kredituri."

*Il-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni*

13 Il-Gesetz über die Freiheit des Zugangs zu Informationen für das Land Nordrhein-Westfalen (il-Liġi dwar l-Aċċess Liberu għall-Informazzjoni tal-Land ta' Nordrhein-Westfalen) tas-27 ta' Novembru 2001, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni"), jipprevedi, fl-Artikolu 2 tiegħu intitolat "Kamp ta' applikazzjoni":

"1) Din il-liġi għandha tapplika għall-attività amministrattiva tal-awtoritajiet pubbliċi […]. Għall-finijiet ta' din il-liġi, awtorità pubblika hija kwalunkwe korp li jwettaq kompiti ta' amministrazzjoni pubblika.

[…]"

14 Skont l-Artikolu 4 tal-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, intitolat "Dritt għall-informazzjoni":

"(1) Kull persuna fiżika tista' tinvoka, kontra l-korpi msemmija fl-Artikolu 2, skont din il-liġi, dritt ta' aċċess għall-informazzjoni uffiċjali miżmuma mill-korp.

2) Kwalunkwe dispożizzjonijiet legali speċifiċi dwar l-aċċess għall-informazzjoni amministrattiva, l-għoti ta' informazzjoni jew l-għoti ta' aċċess għall-fajl għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi. L-obbligu ta' kunfidenzjalità ma japplikax fil-kuntest ta' din il-liġi."

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

15 D.-H. T., bħala l-likwidatur tal-assi ta' J & S Service, kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż, talab lill-amministrazzjoni fiskali, abbażi tal-Artikolu 4(1) tal-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, data fiskali dwar din il-kumpannija sabiex ikun jista' jeżamina l-possibbiltà li jressaq azzjonijiet revokatorji fil-kuntest tal-proċedura ta' insolvenza.

16 Din id-data kienet tirrigwarda l-miżuri ta' eżekuzzjoni forzata li għalihom setgħet tkun suġġetta J & S Service, dawk li kienu diġà ġew implimentati u l-pagamenti rċevuti kif ukoll id-data li fiha l-amministrazzjoni fiskali saret taf bl-insolvenza ta' din il-kumpannija. D.-H. T. talab ukoll għall-estratti tal-kontijiet fir-rigward tat-tipi kollha ta' taxxi ġestiti mill-amministrazzjoni fiskali għall-perijodi taxxabbli bejn Marzu 2014 u Ġunju 2015.

17 Peress li l-amministrazzjoni fiskali ċaħdet din it-talba, D.-H. T. adixxa lill-Verwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva, il-Ġermanja) kompetenti, li essenzjalment laqgħet ir-rikors tiegħu.

18 L-Oberverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Superjuri, il-Ġermanja) kompetenti ċaħdet l-appell ippreżentat mil-Land Nordrhein-Westfalen kontra d-deċiżjoni tal-ewwel istanza. Din il-qorti kkunsidrat b'mod partikolari li d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, eżerċitat fuq il-bażi tal-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni, ma kienx eskluż minn regoli speċifiċi eżistenti fil-qasam fiskali u li fir-rigward tiegħu ma kien hemm ebda raġuni għal esklużjoni.

19 Skont l-imsemmija qorti, peress li, fil-kuntest tal-proċedura ta' insolvenza, is-setgħa li wieħed jiddisponi mill-informazzjoni fiskali kienet ġiet ittrasferita lil-likwidatur tal-assi, dan it-trasferiment kien jinkludi wkoll is-sigrieti tan-negozju u l-informazzjoni fiskali sa fejn huwa neċessarju għall-ġestjoni tajba tal-patrimonju tad-debitur insolventi. Għaldaqstant, minkejja li l-informazzjoni mitluba kienet koperta mis-sigriet fiskali, D.-H. T. kellu d-dritt, fil-kwalità tiegħu ta' likwidatur tal-assi, li jitlob lil J & S Service l-informazzjoni kollha li għandha rabta mal-proċedura ta' insolvenza. L-obbligu ta' parteċipazzjoni tad-debitur insolventi kien jinkludi wkoll l-obbligu li l-amministrazzjoni fiskali tiġi meħlusa mis-sigriet fiskali.

20 Il-Land Nordrhein-Westfalen ippreżenta appell għal reviżjoni kontra d-deċiżjoni tal-Oberverwaltungsgerichti (il-Qorti Amministrattiva Superjuri) kompetenti quddiem il-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja).

21 Preliminarjament, din il-qorti tosserva li r-RĠPD ma huwiex direttament applikabbli f'dan il-każ għaliex il-kawża prinċipali ma tirrigwardax data personali relatata ma' persuna fiżika, fis-sens tal-Artikolu 1(1) u tal-punt 1 tal-Artikolu 4 ta' dan ir-regolament, u lanqas ma tirrigwarda d-dritt ta' aċċess mogħti lis-suġġett tad-data, fis-sens tal-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament. Skont il-qorti tar-rinviju, id-dritt ta' aċċess previst f'dan l-aħħar artikolu huwa dritt marbut mas-suġġett tad-data kkonċernat mill-ipproċessar tad-data personali li ma jidħolx fil-massa fallimentari u għalhekk ma jaqax taħt it-trasferiment tas-setgħat ta' ġestjoni u ta' dispożizzjoni lejn il-likwidatur tal-assi.

22 Madankollu, l-imsemmija qorti tfakkar li, sabiex tiżgura l-interpretazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddikjarat li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar talbiet għal deċiżjoni preliminari li jirrigwardaw dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt f'sitwazzjonijiet purament interni, li fihom dawn id-dispożizzjonijiet kienu saru direttament u inkundizzjonalment applikabbli mid-dritt nazzjonali.

23 Issa, din il-kundizzjoni hija ssodisfatta f'dan il-każ, peress li l-Artikolu 2a(5) tal-Kodiċi tat-Taxxi jirreferi, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali tal-persuni ġuridiċi, għad-dispożizzjonijiet tar-RĠPD.

24 F'dan il-kuntest, permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi dwar il-possibbiltà għall-amministrazzjoni fiskali li tillimita l-aċċess għad-data fiskali ta' debitur tat-taxxa abbażi tal-Artikolu 23(1)(j) tar-RĠPD, li għalih jirreferi espressament il-punt 2 tal-Artikolu 32c(1) tal-Kodiċi tat-Taxxi.

25 Fil-każ li jitqies li l-amministrazzjoni fiskali tista' tinvoka l-Artikolu 23(1)(j) tar-RĠPD, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-kunċett ta' "infurzar ta' pretensjonijiet skont id-dritt ċivili" li jinsab f'din id-dispożizzjoni jinkludix ukoll id-difiża kontra pretensjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt ċivili.

26 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju ssostni li, fid-dritt nazzjonali, il-punt 2 tal-Artikolu 32c(1) tal-Kodiċi tat-Taxxi jinkludi espressament id-difiża kontra pretensjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt ċivili sabiex jiġi limitat id-dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data. Din id-dispożizzjoni hija intiża sabiex tiżgura li l-amministrazzjoni fiskali ma tiġix ittrattata b'mod differenti meta mqabbla mal-kredituri jew mad-debituri l-oħra. L-obbligi ta' informazzjoni imposti fuqha għandhom għalhekk jiġu rregolati biss mid-dritt ċivili u suġġetti għall-kundizzjoni li d-dritt li tittieħed azzjoni għal revoka jkun essenzjalment stabbilit u li jkun jibqa' biss li jiġu ddeterminati n-natura u l-portata ta' dan id-dritt.

27 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk dispożizzjoni nazzjonali li tillimita d-dritt ta' aċċess mogħti mill-Artikolu 15 tar-RĠPD sabiex topponi azzjonijiet revokatorji li jistgħu jitressqu fil-kuntest ta' proċedura ta' insolvenza kontra l-amministrazzjoni fiskali hijiex ibbażata fuq l-Artikolu 23(1)(e) ta' dan ir-regolament.

28 F'dan ir-rigward, din il-qorti ssostni li l-għan tal-punt 2 tal-Artikolu 32c(1) tal-Kodiċi tat-Taxxi huwa li l-amministrazzjoni fiskali tiġi ttrattata bl-istess mod bħal kredituri u debituri oħra fir-rigward ta' pretensjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt ċivili kif ukoll li jiġi promoss intaxxar regolari u konformi mal-liġi u konsegwentement is-salvagwardja tad-dħul fiskali. Dawn l-għanijiet jistgħu jikkostitwixxu għanijiet importanti ta' interess pubbliku ġenerali fil-qasam baġitarju u fiskali, fis-sens tal-Artikolu 23(1)(e) tar-RĠPD.

29 Madankollu, skont l-imsemmija qorti, permezz tal-punt 2 tal-Artikolu 32c(1) tal-Kodiċi tat-Taxxi, il-leġiżlatur nazzjonali pjuttost għamel użu mil-limitazzjoni li tinsab fl-Artikolu 23(1)(j) tar-RĠPD. Fil-fatt, id-data fiskali mitluba ma għandhiex interess għall-pretensjonijiet fiskali nfushom, iżda għat-tranżazzjonijiet ta' ħlas li jinteressaw id-dritt tal-insolvenza, bħala atti li jistgħu, jekk ikun il-każ, jiġu rrevokati skont il-Liġi dwar l-Insolvenza, tal-5 ta' Ottubru 1994, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali.

30 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi segwenti:

"1) L-Artikolu 23(1)(j) tar-[RĠPD] huwa intiż sabiex jipproteġi wkoll l-interessi tal-amministrazzjoni fiskali?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, l-espressjoni 'l-infurzar ta' pretensjonijiet skont id-dritt ċivili' tkopri wkoll id-difiża tal-amministrazzjoni fiskali mill-pretensjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt ċivili u dawn il-pretensjonijiet għandhom ikunu diġà ġew invokati?

3) Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 23(1)(e) tar-[RĠPD] dwar il-protezzjoni ta' interess finanzjarju importanti ta' Stat Membru fil-qasam fiskali tippermetti li d-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 15 tal-imsemmi regolament jiġi limitat fil-kuntest tad-difiża ta' pretensjonijiet għall-evitar ta' insolvenza taħt id-dritt ċivili kontra l-amministrazzjoni fiskali?"

**Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja**

31 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali li quddiemha tkun tressqet il-kawża u li jkollha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fir-rigward taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, meta d-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi (sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punti 34 u 35, kif ukoll tal-14 ta' Frar 2019, Milivojević, C-630/17, EU:C:2019:123, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Madankollu, hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha teżamina l-kundizzjonijiet li fihom hija tkun adita mill-qorti nazzjonali sabiex tivverifika l-ġurisdizzjoni tagħha stess (sentenza tas-16 ta' Ġunju 2016, Rodríguez Sánchez, C-351/14, EU:C:2016:447, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diversi drabi ddikjarat lilha nnifisha li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi talbiet għal deċiżjoni preliminari dwar id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjonijiet li fihom il-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali jkunu jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u li għalhekk jaqgħu biss taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, iżda li fihom l-imsemmija dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kienu saru applikabbli mid-dritt nazzjonali minħabba riferiment minn dan tal-aħħar għall-kontenut tagħhom (sentenza tat-12 ta' Lulju 2012, SC Volksbank România, C-602/10, EU:C:2012:443, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Tali ġurisdizzjoni hija ġġustifikata mill-interess manifest, għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni sabiex, bil-għan li jiġu evitati diverġenzi ta' interpretazzjoni futuri, id-dispożizzjonijiet meħuda mid-dritt tal-Unjoni jiġu interpretati b'mod uniformi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punt 37, kif ukoll tat-12 ta' Diċembru 2019, G.S. u V.G. (Theddida għall-ordni pubbliku), C-381/18 u C-382/18, EU:C:2019:1072, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Madankollu, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja hija limitata għall-eżami tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni biss. Fir-risposta tagħha lill-qorti nazzjonali hija ma tistax tieħu inkunsiderazzjoni l-istruttura ġenerali tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li, filwaqt li jirreferu għad-dritt tal-Unjoni, jiddeterminaw il-portata ta' dan ir-riferiment. It-teħid inkunsiderazzjoni tal-limiti li l-leġiżlatur nazzjonali seta' jimponi fuq l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għal sitwazzjonijiet purament interni, li għalihom japplika biss permezz tal-liġi nazzjonali, jaqa' taħt id-dritt nazzjonali u, konsegwentement, taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Istat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punt 42).

36 F'dan il-każ, mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-qorti tar-rinviju jirriżulta li, skont ir-riferiment magħmul mill-punt 2 tal-Artikolu 2a(5) tal-Kodiċi tat-Taxxi, id-dispożizzjonijiet tar-RĠPD dwar l-ipproċessar tad-data personali tal-persuni fiżiċi japplikaw *mutatis mutandis* għall-persuni ġuridiċi.

37 B'mod partikolari, l-Artikolu 32b ta' dan il-kodiċi jipprevedi li l-amministrazzjoni fiskali ma hijiex obbligata tipprovdi informazzjoni meta d-data personali ma tkunx inġabret mingħand is-suġġett tad-data, jekk din l-informazzjoni tkun tista' tikkomprometti l-eżekuzzjoni tajba tal-kompiti li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħha jew taħt il-kompetenza ta' korpi pubbliċi oħra, fis-sens tal-Artikolu 23(1)(d) sa (h) tar-RĠPD.

38 Skont il-punt 2 tal-Artikolu 32c(1) tal-imsemmi kodiċi, is-suġġett tad-data ma jistax jinvoka d-dritt ta' aċċess li huwa għandu fir-rigward tal-amministrazzjoni fiskali skont l-Artikolu 15 tar-RĠPD jekk l-għoti tal-informazzjoni mitluba tista' taffettwa l-invokazzjoni, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' drittijiet li

jaqgħu taħt id-dritt ċivili minn din l-amministrazzjoni jew id-difiża tal-imsemmija amministrazzjoni kontra pretensjonijiet li jaqgħu taħt id-dritt ċivili, fis-sens tal-Artikolu 23(1)(j) ta' dan ir-regolament, invokati kontriha.

39 Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tat-Taxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jagħmlu riferiment għall-Artikolu 23 tar-RĠPD sabiex jiġu rregolati l-obbligu ta' informazzjoni tal-amministrazzjoni fiskali kif ukoll id-dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data fil-konfront ta' din l-amministrazzjoni, bil-għan li tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni sfavorevoli li fiha tkun tinsab din l-amministrazzjoni meta mqabbla mal-kredituri rregolati mid-dritt privat fil-kuntest tal-proċeduri ta' insolvenza u b'hekk isir kontribut għas-salvagwardja tad-dħul fiskali.

40 Fil-kawża prinċipali, is-suġġett tad-data kkonċernat mill-informazzjoni mitluba huwa persuna ġuridika, jiġifieri kumpannija falluta.

41 Issa, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tar-RĠPD, dan ir-regolament jistabbilixxi regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali tal-persuni fiżiċi u ma jkoprix id-data li tikkonċerna lill-persuni ġuridiċi.

42 L-Artikolu 23 ta' dan ir-regolament, li l-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tiegħu, jirregola s-sitwazzjonijiet li fihom id-dritt tal-Unjoni jew id-dritt tal-Istat Membru li għalih huwa suġġett il-kontrollur jew il-proċessur jistgħu jillimitaw il-portata tad-drittijiet mogħtija lis-suġġetti tad-data, iddefiniti bħala persuni fiżiċi identifikati jew identifikabbli, u l-obbligi korrispondenti imposti fuq il-kontrolluri.

43 F'dan il-każ, id-domandi preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) tar-RĠPD f'sitwazzjoni fejn dawn id-dispożizzjonijiet saru applikabbli għall-persuni ġuridiċi sabiex jiġu limitati l-obbligi ta' informazzjoni li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi skont il-Liġi dwar il-Libertà tal-Informazzjoni.

44 Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tat-Taxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma humiex limitati sabiex jagħmlu lid-dispożizzjonijiet tar-RĠPD applikabbli barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, iżda jemendaw l-għan u l-portata tagħhom.

45 Fil-fatt, għalkemm huwa minnu li d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tat-Taxxi inkwistjoni fil-kawża prinċipali jirriżultaw minn riproduzzjoni kważi litterali ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-RĠPD, l-għan u l-kuntest li fih dan tal-aħħar ġie adottat huma sostanzjalment differenti mill-għan u mill-kuntest tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għaliex dan ir-regolament ifittex b'mod partikolari li jiggarantixxi r-rispett tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti lill-persuni fiżiċi u, fl-istess ħin, ifittex li jibbilanċja dawn id-drittijiet man-neċessità li jiġu protetti interessi leġittimi oħra f'soċjetà demokratika.

46 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li l-kunċett ta' informazzjoni relatata mal-persuni ġuridiċi huwa strettament distint mill-kunċett ta' data personali tal-persuni fiżiċi kif jiddefinixxih id-dritt tal-Unjoni. Id-dritt ta' kull persuna fiżika għall-protezzjoni tad-data personali li tikkonċernaha huwa dritt fundamentali ggarantit mill-Artikolu 8(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Konsegwentement, il-limitazzjonijiet imposti fuq tali dritt għandhom ikunu previsti mil-liġi, għandhom jirrispettaw l-essenza tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali u għandhom jikkostitwixxu miżura neċessarja u proporzjonata f'soċjetà demokratika sabiex jiġu ggarantiti ċerti interessi pubbliċi u privati, kif ifakkar l-Artikolu 23(1) tar-RĠPD. Għall-kuntrarju, l-informazzjoni relatata mal-persuni ġuridiċi ma tibbenefikax minn protezzjoni paragunabbli fid-dritt tal-Unjoni.

47 Għalhekk, fir-realtà d-dritt Ġermaniż ma jirreferix għall-protezzjoni tad-data personali tal-persuni fiżiċi, irregolata fid-dritt tal-Unjoni permezz tar-RĠPD, iżda għall-kunċett, li huwa speċifiku għad-dritt nazzjonali, ta' protezzjoni tad-data personali tal-persuni ġuridiċi. F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-domandi

preliminari ma jirrigwardawx verament l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li saret applikabbli, lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, permezz ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, iżda jirrigwardaw kunċett tad-dritt nazzjonali mingħajr ekwivalenti fid-dritt tal-Unjoni.

48 Fit-tieni lok, hekk kif l-Avukat Ġenerali rrileva essenzjalment fil-punti 86 u 88 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-Artikolu 23(1) tar-RĠPD huwa intiż li jiżgura bilanċ ġust bejn ir-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi affettwati mill-ipproċessar tad-data personali u n-neċessità li jiġu ssalvagwardjati interessi leġittimi oħra f'soċjetà demokratika. L-interpretazzjoni tal-limitazzjonijiet li huwa jipprevedi għaldaqstant teħtieġ ibbilanċjar bejn id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti lill-persuni fiżiċi u l-interessi li dawn il-limitazzjonijiet jgħinu sabiex jiġu ppreżervati.

49 Konsegwentement, l-Artikolu 23 tar-RĠPD ma jistax jinqara mingħajr ma jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li huwa intiż speċifikament sabiex jiggarantixxi d-drittijiet fundamentali tal-persuni fiżiċi.

50 Għaldaqstant, interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament ma tistax issir bl-istess mod fir-rigward tal-persuni fiżiċi u fir-rigward tal-persuni ġuridiċi li d-dritt tagħhom għall-protezzjoni tad-data ma ġiex iddefinit mir-RĠPD. Għalhekk, kuntrarjament għal dak li tqis il-qorti tar-rinviju, ma jistax jiġi konkluż li f'dan il-każ jeżisti interess manifest sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta dawn id-dispożizzjonijiet bil-għan li tiżgura l-uniformità ta' interpretazzjoni tagħhom.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma huwiex possibbli li jitqies li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Qorti tal-Ġustizzja suġġetti għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja saru applikabbli bħala tali mid-dritt nazzjonali, anki jekk lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament (ara, b'analoġija, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 1995, Kleinwort Benson, C-346/93, EU:C:1995:85, punt 19).

52 Minn dak kollu li ntqal preċendentement, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali).

**Dwar l-ispejjeż**

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Qorti Amministrattiva Federali, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Lulju 2019.**

Firem